Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)

vs

John Laus

Illum 21 ta' Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra 'l fuq imsemmi imputat John Laus, iben Emanuel u Josephine nee Buhagiar, imwieled Pieta fis-16 ta' Mejju, 1974 u detentur ta' karta tal-identita Nru 275174(M) li permezz taghha gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Mosta nhar l-4 ta' Jannar, 2001, fit-Triq il-Kbira, Mosta ghall-habta ta' 17.45 hrs, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe il-vettura numru LCA 359 tal-marka Opel Corsa, liema

hsara tammonta ghas-somma ta' LM95 ghad-dannu ta' George Borg;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-4 ta'Jannar tas-sena 2001 ghall-habta tas-6.45p.m. certa Marion Borg mill-Mosta kienet irrapurtat lill-pulizija illi waqt illi kienet fil-vettura ta' missierha George Borg, liema vettura iggib in-numru LCA 359, flimkien ma zewgt ihbieb ohra taghha, hija kienet ipparkjat il-vettura f'Main Street fejn il-Mosta Bar, kien niezel bil-mixi l-imputat fuq imsemmi u kif kien ghaddej kien ghamlilhom xi rimarka. Huma ghaddew xi rimarka ohra u umbaghad l-imputat b'sahha ipprova jiftah il-bieba tax-

xellug ta' din il-vettura. Il-bieba ma infethitx u l-imputat bl-istess rabja ta daqqa ta' sieq fuq il-bieba u ghamlilha l-hsara. Hija ipproduciet dokument fis-sens illi l-hsara in kwistjoni kienet tammonta ghas-somma ta' hamsa u disghin lira (LM95). L-Ispettur Pio Pisani kien baghat ghall-imputat u kien staqsih dwar l-incident in kwistjoni u l-imputat kien qallu illi huwa kien ghaddej mill-Mosta u wahda mit-tfajliet taghtu fastidju u kellmitu anke hazin. Huwa irritalja verbalment, pero' cahad kategorikament illi kien ghamel xi hsara fil-vettura in kwistjoni.

Illi xehdet Marion Borg u qalet illi ghall-habta ta' Jannar tas-sena 2001 kienet qeghda fil-vettura taghha flimkien ma Antonella Bezzina u Omaria Bezzina. F'hin minnhom ghadda l-imputat fuq imsemmi u qal xi haga lil habitha. Ezatt x'qalilha ma tafx u habitha qaltlu xi haga lura. B'rabja kbira skond ix-xhud l-imputat mar jipprova jifthilha l-bieba tal-karozza u meta ma setax jiftahha ta' daqqa ta' sieq fil-bieba tal-vettura.

Illi xehdet Antonella Bezzina dwar l-incident in kwistjoni u qalet illi fil-vettura kienu tlett tfajliet u l-imputat kien wahdu. Hija taf illi l-imputat ittantaha, pero' x'qalilha ezatt ma tiftakarx. Ftakret pero' illi hija kienet qaltlu kelma oxxena u meta qaltlu din il-kelma oxxena l-imputat kien gie biex

jipprova jiftah il-bieba.  Umbaghad ta daqqa ta' sieq fuq il-vettura u telaq jigri. Ix-xhud qalet ukoll illi huwa kien jittanta wkoll lill-ohtha u effettivament ohtha dakinhar tal-incident kienet ukoll ghamlet rapport fl-ghassa li l-imputat kien ittantaha u dana nonostante il-fatt illi l-imputat ma kienx ittantaha dakinhar, pero' kien ittantaha qabel.

Illi xehdet Omaria Bezzina u ikkollaborat ix-xhieda ta' ohtha Antonella Bezzina.  Hija xehdet illi dakinhar kienet ukoll irrapportat l-ghassa ghaliex gurnata qabel, anzi aktar minn gurnata qabel kienet diehla f'hanut u l-imputat kien qalilha, "Hawn, insibek irrid ha inhanxrek bis-sikkina".  Ix-xhud qalet illi ma tafx ghalfejn l-imputat kien qalilha dan il-kliem ghaliex qatt ma kienu miggieldin.  Hija kompliet tixhed illi ma kienitx irrapportat qabel, pero' meta kienet l-ghassa fuq din il-kwistjoni kienet qalet lill-pulizija x'kien qalilha l-imputat.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi l-istorja ma bdietx dakinhar fil-konfront ta' dawn it-tfajliet. Huwa xehed illi jkun ghaddej mit-triq fejn missier dawn it-tfajliet ghandu hanut u xi hadd minn dawn it-tfajliet kien tghajjar fil-konfront tieghu u dan ghal aktar minn darba.  L-imputat kompla jixhed illi darba minnhom it-tfajliet bdew jersqu fil-qrib tieghu u jitghajjru aktar.   Kien qorob il-Milied u t-tfajliet kienu

ghaddew b'vettura Pajero b'numru tar-registrazzjoni CBH 385. Huwa kien qieghed jaqsam iz-zebra crossing u wahda mit-tfajliet ixxabtet u qabditlu jdejh mit-tieqa. L-imputat kompla jghid illi fl-4 ta' Jannar 2001 kien hemm zewg tfajliet zgur fuq quddiem fil-karrozza. Wahda minnhom nizlet il-hgiega u offendietu b'kelba. L-imputat qalilha, "Illum m'intix toffendini wkoll" u dana peress illi kien ilu iwwisiha. L-imputat cahad kategorikament illi kien ta daqqiet ta' sieq fuq il-vettura ta' dawn it-tfajliet. Huwa xehed illi tellghu l-hgiega u bdew jidhku, kif dejjem jaghmlu u hu telaq minn fuq il-post. Sussegwentement gie ghandu Surgent u pulizija u huwa mill-ewwel cahad maghhom illi kien ta xi daqqiet fuq il-vettura ta' dawn it-tfajliet. Huwa xehed ukoll illi d-daqqiet fuq il-karozza hadd ma kien urihomlu. L-imputat cahad kategorikament illi ipprova jiftah il-vettura tat-tfajliet fil-gurnata in kwistjoni u cahad ukoll illi ta xi daqqiet bis-sieq fuq il-vettura taghhom.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti kellha l-opportunita sabiex tezamina il-komportament kemm tat-tlett tfajliet in kwistjoni u kif ukoll tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi sfortunatament irrizulta lill-Qorti illi l-imputat minkejja l-fatt illi mhux inkapacitat jew immankat ghandu kwalitajiet illi sfortunatament wasslu lit-tlett tfajliet in kwistjoni, wahda minnhom it-tfajla illi ghamlet ir-rapport lill-Pulizija illi ghamlilha l-hsarat fil-vettura taghha, sabiex jaqbdu mieghu rippetutament, jinkuh, jinsulentawh u jghadduh biz-zmien.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tista qatt tasal sal-grad tal-konvinciment morali illi l-imputat fuq imsemmi ikkommetta r-reati addebitati lilu.

Illi fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputat **mhux hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda **tilliberrah** minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur